**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SBATAX**

**24 ta' AWWISSU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier is-Sur Pierre Farrugia nforma lill-Kunsill li kien ser ikun skużat minħabba raġuni familjari. **Dok 1 mehmuż.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **17.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 17.1.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'ser ikun il-pass li jmiss li jieħu l-Kunsill Lokali fuq punt 16.1.2 fir-rigward tal-art ta' Triq Gervaze Matthew, fejn il-Kunsill kien imwiegħed li ser tingħata b'devoluzzjoni lilu u għalkemm il-Kunsill bagħat diversi ittri s'issa m'għandux risposti.<br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-perit li ħadem fuq il-proġett maħsub u jiġi mitlub jagħti l-parir tiegħu fuq jekk il-Kunsill jaqbillux li jirtira l-applikazzjoni biex jieħu ċertu spejjeż lura, jew li jistax jitrasferixxi tali permess fuq art oħra li l-Kunsill għadu qed jinsisti li jingħata minflok dik ta' Trqi Gervaze |

| | | |
|---|---|---|
| | | Matthew. |
| | | |
| | | |
| 17.1.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sittax –il seduta. |
| | | |
| ***17.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ U TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIZMU*** |
| | | |
| | | |
| 17.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 17.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia rrimarka lis-Sur Kaydem Schembri (l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ), biex l-attivita' li qed jipproponu li jtellgħu fi żmien il-Milied ma' tkunx fl-istess ġranet ta' attivitajiet oħra li jsiru mill-għaqdiet tar-raħal. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu lest li jgħin lill-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ fl-attivita' li ser jorganizzaw. |
| | | |
| 17.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Kultura u Turiżmu. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li s-Sotto Kumitat ser jerġa jtellgħa l-istess kunċert li sar f'San Marino. Din id-darba ser isir f'Misraħ Repubblika fil-15 ta' Ottubru, 2016 filgħaxija. Għal din l-attivita' ser jiġu avviċinati l-għaqdiet biex itellgħu stand tal-ikel u xorb fil-Misraħ.<br>Għal din l-attivita' l-Kunsillier Kenneth Farrugia ser jgħin billi jġib il-palk. |
| | | |
| ***17.3*** | | ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*** |
| | | |
| | | |
| 17.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 34. |
| | | |
| | | |
| ***17.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 17.4.1 | | Is-Sindku Ignatius Farrugia, rringrazzja u faħħar l-attivita'/ġita li saret f'San Marino, bil-għajnuna tal-Kunsilliera Joseph D'Amato u David Abdilla. Hu żied jgħid li l-Kunsill ta' San Marino laqa' tajjeb ħafna liż-Żrieraq u saħansitra kien hemm preżenti ukoll l-ex Sindku ta' San Marino. Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li jixtieq li ġemellaġġi oħra li l-Kunsill għandu ma' Angermunde u Morphu jkunu fuq l-istess livell li l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kunsill għandu ma' San Marino.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-laqgħa li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq kellu f'San Marino, xxandret ukoll fuq il-media ta' San Marino.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li bħalissa għaddejjin komunikazzjonijiet mal-Kunsill ta' Angermunde biex f'għeluq l-għaxar snin anniversarju mit-twaqqif tal-ġemellaġġ magħhom, issir attivita. |
| | | |
| 17.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn it-talbiet:<br>• Biex titneħħa sleeping policeman li hemm quddiem 92 Triq il-Ħaddiema – wara diskussjoni kien hemm qbil i tali sleeping policeman tibqa fil-post minħabba li saret bil-permessi ta' TM.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq San Pawl quddiem numru 2 – ma kienx hemm qbil li ssir.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'każijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jitlob il-parir tal-awtorita kompetenti (TM) u mhux jaqbad u jiddeċiedi hu, minħabba li r-residenti li jitolbuhom jafu jkunu ġenwini. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet pjanta tal-bankina li fassal il-Perit Lewis għal Triq Inglott k/m Triq San Mikiel.<br>Ma kienx hemm qbil mal-pjanta tal-perit minħabba li tali bankina u parkeġġ kienu ser idejqu t-triq u jkunu ta' ostaklu għas-sewwieqa. Kien hemm qbil unanimu li l-bankina ssir idjaq milli hemm fil-pjanta u tkun tal-istess wisa' t-tul kollu u li ma kellux ikun hemm parkeġġ magħha. |
| | | |
| 17.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill irċieva linja gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tombla ma tikwalifikax taħt is-subartikli 33.(1), (n) u (p), għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jorganizza attivitajiet b'tombla. |
| | | |
| 17.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara l-aħħar seduta, hekk kif kien ssuġġerit, tkellmet mal-kumpanija li tissupplixxi magni li wieħed jista jużhom biex iħallas pagamenti tal-Go u Melita u l-kuntrattur ssuġġerixxa li barra li ssir magna fl-uffiċċju tal-Kunsill, issir oħra fejn l-għassa tal-pulizija biex tkun milħuqa |

| | | |
|---|---|---|
| | | 24/7. Wara diskussjoni, ma kienx hemm qbil li tali magna titwaħħal fl-uffiċċju tal-Kunsill, minħabba li m'hemmx wisa' biżżejjed u minħabba l-ammont ta' nies li jużawha. Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi meħtieġa biex titpoġġa waħda fejn l-għassa u jekk tiġu użata mir-residenti, jkun ssuġġerit li jkun hemm waħda fin-Nigret u f'Bubaqra. |
| | | |
| 17.4.6 | | Il-Kunsillier David Abdilla, rrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, indirizzata lill-Viċi Sindku, fejn intalbet tpoġġi bukket fjuri quddiem il-monument ta' Santa Katarina VM waqt il-festa. Hu qal li din l-ittra turi nuqqas ta' rispett u ma turix etika lejn il-Kunsill.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia qal li hu persuna non grata għal din is-Soċjeta', imma fejn jidħlu fondi li l-istess soċjeta' tista tigwadanja mill-Kunsill, hu ma jibqax persuna non grata. |
| | | |
| 17.4.7 | | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju, 2016, kien ħafna riħ u l-Kunsill la tella bandiera u lanqas fustun għall-okkażjoni. Hu żied jgħid li qed jitlob li dan jitniżżel, għalkemm ħadd mill-Għaqda Karmelitana u banda QV ma għamel oġġezzjoni fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***17.5*** | | ***Funtana fid-daħla taż-Żurrieq*** |
| 17.5.1 | | Is-Sindku qal li tul il-leġislatura l-oħra, ħadem biex ir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto titnehha u ssir waħda moderna bħal ma saru f'dawn l-aħħar snin. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għal din is-sena l-Kunsill m'għandux fondi biex jagħmel tali proġett.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato, ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Perit ta' Transport Malta li ser ikun inkarigat mill-proġett ta' Vjal ix-Xarolla, biex tali roundabout tkun inkluża fil-proġett tat-TM. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***17.6*** | | ***Proposta dwar investiment għall-pitch tal-boċċi fl-akwata tal-Bebbux*** |
| | | |
| 16.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fir-rigward tat-talba tal-grawnd tal-boċċi, hi għandha laqgħa mal-Perit fuq il-post biex jinbdew il-pjanti u l-ippjanar tal-proġett, |

| | | |
|---|---|---|
| | | sabiex ikun jista jitressaq lill-SportMalta għall-approvazzjoni. Qegħda tiġbor ukoll stimi ta' apparat tal-outdoor gym biex ikunu ta' referenza għall-perit fit-tfassil tal-proġett. |
| | | |
| | | |
| ***17.7*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' kwotazzjoni : Quote 3/2016 – Insurance of Council's assets and Liabilities*** |
| | | |
| 17.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Island Insurance Brokers kienet l-uniku kumpanija li kkowtat għas-servizz ta' insurance għall-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Il-prezz totali għal sena ser ilaħħaq €3,482.83.<br>Kien hemm qbil unanimu li Island Insurance Brokers jieħdu x-xogħol ta' dan is-servizz. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***17.7*** | | ***Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 17.7.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq il-kont li Callus Landscaping bagħat lill-Kunsill fuq żbir ta' siġar fi Triq il-Belt Valletta li jammonta għal-€1,800 u li fl-iskeda ta' pagament jidher bin-numru 28. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li minbarra li tali siġar inżabru mingħajr ma kien kompitu tal-Kunsill li jagħmilhom, dawn inżabru ukoll ħażin, skont email li l-Kunsill irċieva. Hu qal li l-ammont mitlub hu eċċessiv u fil-fehma tiegħu m'għandux jitħallas.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia qal li kien hu li qal lill-Callus Landscaping biex jiżbor is-sitt siġriet ta' Valletta Road u qal ukoll li kien hu li nforma lill-Callus Landscaping li tali xogħol kien ser iħallas għalih il-Kunsill, għalkemm ma kienx jaf kemm kien ser ikun l-ammont.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li tali ammont hu persentaġġ kbir tat-tender li ħadet l-istess kumpanija. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Contract's manager u jitolbu stima tax-xogħol li sar u f'seduta oħra jerġa jiġi diskuss il-każ.<br>Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Kien hemm qbil li tali kont ma jitħallasx. |
| | | |
| 16.10.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici għamel dawn it-talbiet:<br>• jinqata l-ħaxix minn side road fi Triq il-Belt Valletta fejn il-grawnd tal-futbol. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Malta Post tiġi mistoqsija jekk il-kaxxi tal-ittri fiż-Żurrieq humiex biżżejjed għall-ammont ta' residenti li għandu r-raħal u jekk ikun il-każ li jiżdiedu.<br>• Il-Kunsill jitlob lill-awtorita' kompetenti biex jara jistax japplika għall-fondi li qed jinġabru mill-bejgħ taċ-ċittadinanza, biex jintużaw għall-proġett mill-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil fuq dawn il-punti. |
| | | |
| 16.10.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia għamel dawn il-punti:<br>• Bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix f'Ħal Millieri,<br>• Jitwaħħawl dog bin fejn m'hemmx f'Tal Bebbux<br>• Titwaħħal mera ġdida fi Triq il-Qrendi viċin razzett<br>• Isir refresh tal-marki tat-toroq fi Triq il-Kbira viċin Happy Return Bar.<br>• Isir parkeġġ għal muturi fi Triq P P Saydon viċin il-ħanut tal-pastizzi.<br>• Tinġibed l-attenzjoni fuq qtugħ ta' dawl fi Ġnien il-Ġibjun u logħob tal-ballun u roti fl-istess ġnien, bil-konsegwenza li jistgħu jweġġgħu t-tfal li jużawh.<br><br>Kien hemm qbil fuq il-punti kollha. Inġibdet l-attenzjoni mill-Kunsillier David Abdilla li fuq Ġnien il-Ġibjun diġa ttieħdu l-passi neċessarji. F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni ta' nuqqas ta' siġar li fih Ġnien tal-Ġibjun, għax is-siġar li mietu ma reġgħux ġew *replaced*. |
| | | |
| 16.10.4 | | Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li jibda diskussjonijiet mal-Onorevoli Roderick Galdes fuq il-proġett tad-dog park. |
| | | |
| 16.10.5 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa lill-Kunsill li minn dar mhux abitabbli f'Misraħ Repubblika ħerġin il-ġrieden. Kien hemm qbil li jsir rapport lis-Sanita'. |
| | | |
| 16.10.6 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima ressqet talba li saritilha mill-Bar li fetaħ ġdid f'Misraħ Repubblika – San Lorenzo.<br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta għax qal li kien hemm kunflitt ta' interess minnu.<br><br>Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa fejn kienu preżenti l-Arċipriet, il-President u s-Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina u s-sidien tal-bar. Il-pulizija kienu mistiedna għal din il-laqgħa, imma ma attendewx, għalkemm infurmaw li jekk il-Kunsill jagħti l-permess meħtieġ għal-bar, huma ma jsibux oġġezzjoni. Is-sidien tal-bar talbu biex |

| | | |
|---|---|---|
| | | jintrama' bar waqt il-festa ta' Santa Katarina VM.<br>Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM ma qablux ma tali bar minħabba li jekk il-Kunsill jagħti permess għal wieħed, ikun hemm preċedenti fuq bar oħra li jistgħu jitolbu l-istess permess, barra li tali bar ikun ser jagħtti l-arka li tkun armata.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li għal din is-sena ma jingħatawx permess u li tali talba kellha ssir uffiċċjalment lill-Kunsill bil-miktub.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia reġgħa daħal għas-seduta.<br>F'dan il-punt il-Kunsillier Jean Pierre Attard ħareġ mis-seduta (ħin 19:45) |
| | | |
| 16.10.7 | | Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li ġie avviċinat mill-ħanut tal-pastizzi li hemm fi Triq l-Imqabba kantuniera ma' Vjal il-Blue Grotto li talab li jagħmel bandiera quddiem il-ħanut tiegħu.<br>Kien hemm qbil li tali talba għandha ssir uffiċċjalment bil-miktub lill-Kunsill u titressaq fis-seduta li jmiss. |
| | | |
| 16.10.8 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima f'isem il-Kunsill Lokali awgurat l-anniversarju t-tajjeb lill-Kunsillier Pierre Farrugia u lis-Sinjura tiegħu. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***17.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 17.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€114,325.15.**<br><br>Kien hemm qbil li jitħalsu il-pagamenti kollha li hemm fl-iskeda minbarra dak ta' numru 28 ta' Callus landscaping, dettalji jidhru f'punt 17.7.1.<br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***17.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 17.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28ta' Settembru, 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum ______ 28 ta' Settembru, 2016.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |